MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 556/2005

**Maltacom p.l.c.  C22334**

**vs**

**Claude Muscat ID 726856 (M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fil-25 ta’ Novembru 2005 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett elef, tmien mija disgha u hamsin lira maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm3859.37) rapprezentanti ammont minnu dovut inkonnessjoni ma’ servizzi telefonici in kwantu ghal Lm2546.86 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21373949 in kwantu ghal Lm1140.34 fuq servizz telefoniku 21373947 u in kwantu ghal Lm172.17 fuq servizz telefoniku 21373948 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A, Dok B u Dok C). Kopja ta’ l-applikazzjoni annessa u mmarkata Dok D.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju, 2003 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Claude Muscat fejn ecepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok kull ammont pretiz ghat-telefonati maghmula huwa preskritt ghat-tenur ta' l-artikolu 2156 subartikolu (f) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan dwar it-tlett servizzi telefonici li jgibu n-numru 21373949, 21373947 u 21373948;

2. Illi fit-tieni lok parti sostanzjali mill-ammont pretiz ghall-kirjiet (rentals) dovut fuq l-istess tlett servizzi telefonici bin-numru 21373949, 21373947 u 21373948 huma preskritti ghat-tenur tal-Artikolu 2156 subartikolu (f) ta' l-istess Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ili r-rikorrenti jirriserva li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju iehor.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn eccepixxa illi mhuwiex il-legittimu kontradittur, liema eccezzjoni giet ipprezentata wara awtorizzazzjoni tal-Qorti permezz tad-digriet tas-27 ta' Frar 2007 (fol 36).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qieghda titlob il-hlas ta' servizz telefoniku ta' tlett linji ndikati fl-avviz wara li l-konvenut naqas illi jhallas fi zmien stipulat lill-istess socjeta' attrici. Ghal din l-azzjoni l-konvenut qieghed ipoggi ostakolu fil-kuntest ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 liema artikolu *"jippreskrivi bl-eghluq ta' hames snin l-azzjonijiet ghal hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra..."*

Jibda biex jinghad illi l-artikolu msemmi mill-konvenut bhala terminu ta' preskrizzjoni huwa wiehed korrett. Gie stabbilit li l-perijodu preskrittiv ghall-azzjoni tal-hlas ta' kera u calls huwa fi zmien hames snin, peress li dana huwa servizz moghti mill-korporazzjoni u l-hlas hu ghal dan is-servizz. Kif gie ripurtat fil-kawza John Scicluna noe vs Robert Spiteri deciza mill-Prim Awla fil-5 ta' Novembru 1992 *"...il-kreditu ma hux dovut ghal kiri ta' hwejjeg mobbli izda ghal servizz tat-telephone. Il-kuntratt bejn id-dipartiment u l-konvenut – subscriber – jirreferi ghas-servizz tat-telephone permezz ta' installazzjoni ta' taghmir jew apparat provdut mill-attur. Huwa veru li s-subscriber ihallas a charge ghal kull telefonata u kera ta' l-installazzjoni jew apparat, izda dan ma jbiddilx in-natura tan-negozju li huwa wiehed ta' servizz u l-hlas huwa biss mod kif jigi regolat il-kumpens ghal dan is-servizz."*

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut permezz ta' ftehim datat 2 ta' Frar 1993 fol 9 tal-process, gie moghti s-servizz tat-telephone indikat. Fix-xhieda illi ta quddiem din il-Qorti a fol 37 il-konvenut gharaf il-firma fuq il-kuntratt bhala tieghu personali. Fil-fatt irrizulta illi ftit wara illi ghamel dan il-kuntratt fis-17 ta' Frar 1993 giet iffurmata l-kumpanija "Intramed" li taghha l-konvenut huwa azzjonist u direttur principali. Mistoqsi direttament jekk huwa nformax lill-korporazzjoni illi l-linji tat-telephones indikati kellhom jinqalbu fuq il-kumpanija "Intramed", il-konvenut wiegeb illi ma jiftakarx, izda permezz ta' eccezzjoni ulterjuri pprezentata tard fil-kors ta' din il-kawza l-konvenut qajjem ostakolu iehor, fis-sens illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur. Fis-sottomissjoni ta' l-avukat tal-konvenut gie spjegat illi dan qed jinghad peress illi s-socjeta' attrici kienet gharfet is-socjeta' "Intramed" meta baghtet kontijiet f'isem din is-socjeta' u l-hlas sar minnha.

Ikkunsidrat:

Huwa veru li ntbaghtu xi kontijiet intestati "Intramed Travel" u li thallsu permezz ta' cekkijiet minn din il-kumpanija, pero' dawna ma jfissirx illi saret xi novazzjoni

jew inkella kien hemm xi assunzjoni tad-dejn minn "Intramed".

Bhalma ghalmet fil-kawza Zammit vs Frendo Azzopardi ( Vol XXXI pt iii pg 257) *"biex ikun hemm l-figura guridika ta' assunzjoni ta' dejn hemm bzonn li l-obbligazzjoni ta' haddiehor jaghmilha tieghu min jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn la mhuwiex tieghu ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn."* L-istess Bonnici vs Cauchi Carter deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Ottubru 1986. *"Billi gieli rcieva cheques ghal hlas tal-merkanzija konsenjata minghand l-istess nies, pero' ghan-nom ta' socjeta' ohra, ma jfisser xejn...."* Ara wkoll Catania vs Degiorgio (Vol XLII pt ii pg 928). Ghalhekk il-fatt illi saru l-hlasijiet minn "Intramed" ghan-nom tal-konvenut ma jfissirx illi s-socjeta' "Intramed" assumiet id-dejn tal-konvenut u t-titolar tal-obligazzjoni jibqa' dejjem il-konvenut.

Ikkunsidrat:

Fl-eccezzjoni ulterjuri l-konvenut qed iqajjem ukoll kwistjoni dwar il-legittimita' tat-tahrika, fis-sens li ma kienx il-legittimu kontradittur. Hawn ukoll il-Qorti issib li din hija semplicement skuza biex il-konvenut jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu. Kif gia nghad, il-konvenut qatt ma nforma lis-socjeta' attrici illi kellu jinbidel it-titular tas-servizz fuq imsemmi. Il-Qorti tirrileva illi saru frekwenti l-kawzi fejn persuna azzjonata ghal hlas tinheba wara l-eccezzjoni li m'huwiex il-legittimu kontradittur. Fil-kawza Lawrence Formosa et noe vs Silvio Pace deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999 intqal *"certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqshekk ovvji. Fejn hemm dubbju pero', wiehed kellu jipprezumi li l-persuna li qieghda tikkuntratta kienet hekk qieghda taghmel f'isimha proprja."*

Aktar deciziva hija l-kawza Anthony Caruana et vs John Magro et deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999 *"din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxielhux jipprova sodisfacentement li hu mhux obbligat personalment li jhallas il-kreditu tas-socjeta' attrici. Fi kliem iehor ma rrizultax sodisfacentement illi meta l-*

*konvenut innegozja mas-socjeta' attrici a tempo vergine u gab a konjizzjoni taghha li hu kien qieghed jixtri ghan-nom u in raprezentanza tas-socjeta' u li din is-socjeta' biss kienet obbligata li thallas."*

F'din il-kawza l-Qorti tasal ghall-istess konkluzzjoni, illi l-konvenut ma rnexxielhux jipprova a sodisfazzjon taghha illi meta nnegozja mas-socjeta' attrici, dakinhar illi ghamel il-kuntratt jew inkella wara illi giet iffurmata l-kumpanija, u gab a konjizzjoni tas-socjeta' attrici illi kienet din is-socjeta' biss li kienet obligata li thallas u mhux hu personalment. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur m'ghandhiex fondament u tisthoqq li tkun michuda.

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza s-socjeta' attrici esebiet prospett tal-pagamenti kollha illi ghamel il-konvenut tal-linji fuq imsemmija, liema prospett ma giex kontestat mill-konvenut. Irrizulta wkoll illi saru pagamenti f'Ottubru 2001 fuq it-tlett linji msemmija. Skond l-avviz saret ittra ufficjali fit-3 ta' Gunju 2003 izda ma hemm l-ebda referenza ghaliha fl-atti u ma rrizultatx jekk giet notifikata jew le. Ghalhekk jibqa' l-fatt illi l-ewwel att gudizzjarju li gie pprezentat hija din il-kawza fil-25 ta' Novembru 2005. Bejn Ottubru 2001 u d-data tal-prezentata ta' l-avviz lahqu ghaddew biss erba' snin u xahar. Anke jekk jitqies id-data tal-pubblikazzjoni tal-gazzetta tal-gvern bhala d-data tan-notifika ta' l-avviz tal-konvenut fit-12 ta' Settembru 2006 ukoll it-terminu ta' hames snin ma jkunux lahqu ghaddew kontra s-socjeta' attrici. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut ghandha tigi michuda.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet u fil-fatt ma hemmx eccezzjoni dwarha. Wara li rat id-dokumenti kollha esebiti l-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-ligi u t-talba taghha timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ tlett elef tmien mija disgha u hamsin lira maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm3859.37) rapprezentanti ammont dovut minnu inkonnessjoni ma’ servizz telefoniku in kwantu ghal Lm2546.86 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21373949 in kwantu ghal Lm1140.34 fuq servizz telefoniku 21373947 u in kwantu ghal Lm172.17 fuq servizz telefoniku 21373948.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------